Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA` KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 13 – Il-Ħamis, 14 ta' Frar, 2013**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-3.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Francis Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Amanda Cauchi | Segretarju Eżekuttiv |

1. **Introduzzjoni mis-Sindku**

   Is-Sindku ta bidu għal-laqgħa.

2. **Korrezzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti numru 12, dawn ġew approvati kif preżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

3. **Korrispondenza u Komunikazzjoni mis-Sindku**

   - Nhar it-30 ta' Jannar saret l-laqgħa mil-MCCA għar-residenti fuq id-drittijiet tal-konsumatur. Is-Sindku stqarr li attendiet persuna waħda għal din il-laqgħa.
   - Is-Sindku informa li wara li l-Kunsill żebagħ *double yellow lines* fit-Triq Patri Cesal wara talba minn resident li jogħqod fl-aħħar parti ta' din it-triq, inqalgħet kwistjoni minn tlett residenti ta' din it-triq, fejn dawn allegaw li din hija triq privata, fejn il-Kunsill ma kellu l-ebda dritt jagħmel dawk is-sinjali. Il-Kunsill neħħa dawn is-sinjali biex ikun jista' janalizza ftit is-sitwazzjoni w informa b'dan lir-resident li għamel it-talba. Is-Sindku qal li mir-riċerka li kien għamel ma kienx jidher ċar jekk din it-triq hix privata jew publika, u għalhekk issuġġerixxa li l-Kunsill ma jidħolx fil-kwistjoni ta' dawn is-sinjali qabel ma jiftehmu r-residenti kollha ta' din it-triq. Il-Kunsill qabel ma dan.

- Nhar il-11 ta' Frar, is-Sindku, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-konsulenta Krista Farrugia attendew għal-laqgħa fil-MGOZ mad-Diretturi Manuel Tabone u Anthony Zammit biex issir diskussjoni fuq il-proġett tal-Kunsill taħt l-Interreg IVC. Is-Segretarju Eżekuttiv bħala *Progect Manger* ta' dan il-proġett infurmat liż-żewġ diretturi fuq xiex hu l-proġett u x'inhu mistenni mill-Kunsill Lokali Għajnsielem. Tul il-konversazzjoni, il-konsulenta spjegat li l-Kunsill irid jieħu *best practice* min dan il-proġett, u ssuġġeriet li jsir studju biex jitneħħew l-*alien species* minn fuq Kemmuna. Is-Sur Żammit qal li fl-opinjoni tiegħu dan huwa xogħol li għandha tagħmlu l-MEPA u mhux Kunsill Lokali. Huwa ssuġġerixxa li ssir xi ħaga fil-lokalita' li jgawdu minnha r-residenti. Is-Sur Tabone issuġġerixxa *path way* mil-Port tal-Mġarr sat-Torri ta' Imġarr ix-Xini. Is-Sindku qabel mas-Sur Zammit u jekk jista jkun issir l-istudju fir-raħal t'Għajnsielem. Il-Kunsill qabel ma' din l-idea u għalhekk talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex taħdem fuq dan il-pjan.
- Laqgħa ta' Konsultazzjoni għal-Kunsill Lokali rigward is-siti Natura 2000 – is-Sindku qal li għal din il-laqgħa attenda Franco Ciangura. Franco qal ukoll li dawn il-konsulenti se jitolbu għal-laqgħa mal-Kunsill t'Għajnsielem peress li Kemmuna, li hija sit Natura 2000 taqa taħt il-konfini t'Għajnsielem.
- Nhar it-13 ta' Frar, is-Sindku ħa sehem f'attivita' li organizzat l-Iskola Primarja t'Għajnsielem li involviet ir-reċiklar tal-karti. Din l-attivita kienet tikkonsisti fiż-żjara mit-tfal lill-Gozo Press, fejn ġie spjegat il-process tal-iprintjar. F'din l-attivita' ġie użat ukoll l-eco truck biex jinġarru ammont ta' boroż bil-karti fejn dawn se jiġu riċiklati mit-tfal.
- Nhar l-14 ta' Frar is-Sindku iltaqa' fuq il-post mal-Perit Scerri u l-kuntrattur tat-tħammil tal-Wied Simirat biex jiġi spjegat kif ser isir ix-xogħol. Is-Sindku qal ukoll li sar survey bil-livelli tal-wied fejn ser isir ix-xoghol biex wara li li jindaf, jittieħdu livelli ġodda u minn hemm il-perit ikun jista joħroġ l-kont. Is-Sindku qal li x-xogħol mistenni li jibda l-ġimgħa d-dieħla. Il-Kunsill qabel li l-materjal li hemm jittieħed *f'Dumping Site.*
- MEPA – saret applikazzjoni *PC* biex jitranġa l-*alignment* tat-Triq ix-Xatt l-Aħmar.
- Transport Malta – risposta fuq l-ittra li bagħtet is-Segretaju Eżekuttiv rigward l-Arriva. Transport Malta qed tgħid li qed tagħmel li tista' biex tiprova ssib soluzzjoni biex ikun hemm servizz dirett min Għajnsielem għar-Rabat. Is-Sindku qal li probabilment se jkun hemm servizz li jitlaq mir-Rabat għax-Xewkija u jinżel minn Triq il-Ġnien u viċi versa, pero dan għadu mhux ikkonfermat. Peter Caruana talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tissuġġerixxi li r-rotta 303 tgħaddi dawra miż-żona tal-Gudja qabel tibqa niżla lejn ix-Xatt. Il-Kunsill qabel li jsir dan is-suġġeriment lil Transpot Malta.
- Transport Malta - *double yellow lines* fit-Triq Fuq l-Għajn - approvati
  - *traffic management* fil-Pjazza Indipendenza – approvati
  - *double yellow lines* fit-Triq Malta, quddiem il-kumpless Misraħ il-Fliegu – Transport Malta għadhom qed jistennew

kopja tal-permess tal-bini tal-MEPA mingħand is-sidien ta' Misraħ il-Fliegu.

- Ittra mingħand Joseph Scicluna biex il-Kunsill jgħin lit-team tas-Soft Ball bix-xiri ta' jersey tal-logħob li jkun bil-logo tal-Kunsill – il-Kunsill qabel li ma jilqgħax din it-talba mis-Sur Scicluna.
- Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Rudolf Cauchi ta stima ta' 500 euro għar-restorazzjoni tal-monument tal-Pjazza tad-Dehra. Il-Kunsill qabel li jingħata x-xogħol lis-Sur Cauchi.
- Is-Sindku nforma lill-preżenti li l-perit għamel DNO application lill-MEPA fuq it-tisbih tal-Pjazza tad-Dehra.

## 4. Financial Statement

Pauliana Said, l-accountant tal-Kunsill spjegat il-budget għal din is-sena, li sar flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv fuq it-talbiet tal-Kunsill stess. Il-preżenti qablu mal-budget kif preżentat.

Pauliana Said spjegat ukoll il-Financial Statements għas-sena 2012. Dawn ġew approvati kif preżentati u wara ffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u is-Sindku.

## 5. Ta' Passi

Is-Sindku qal li saret laqgħa mal-Manager tal-Ambjent fil-MEPA nhar id-29 ta' Jannar 2013, fejn għaliha attenda ukoll il-Perit Scerri u s-Segretarju Eżekuttiv. Tul din il-laqgħa l-preżenti ppruvaw li jintlaħaq kompromess fuq l-appikazzjoni biex ikun jista' joħroġ il-Permess ta' *Recreation Park*. Minn naħa tal-MEPA intwerew ir-ritratti tal-ajru tas-sena 2008 u tas-sena 2012, fejn qed jgħidu li l-Kunsill għamel wisq interventi li ma ħalliex is-sit naturali, specjalment bħala passaggi. Is-Sindku qal li qabel ma beda jsir 'Betlehem f'Għajnsielem' is-sit kienet fi stat ħażin ħafna b'ammont ta' kull kwalita ta' skart li kien ilu jakkumula għal snin twal. F' din il-lagħqa il-MEPA ssuġġeriet biex il-Kunsill jerġa` jissottometti pjanti ġodda li jnaqqas l-impatt tal-passaġġi li saru. Is-Sindku qal li l-perit għandu jagħmel l-emendi skond kif suġġerit mil-MEPA.

## 6. Easter Egg Hunt

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet lill-prezenti li fuq il-laqgħa preċedenti, hija avviċinat lill-*Buzzy Kids Entertainment* fejn spjegat li l-Kunsill ma approvax li jikkontribwixxi daqshekk għal din l-attivita`. Għalhekk, *Buzzy Kids entertainment* offrew li jagħtu optjon ieħor fejn il-kontribut tal-Kunsill ikun inqas. Is-segretarju eżekuttiv għaddiet din l-optjon lill-Kunsill, fejn hawnhekk il-Kunsill approva li din l-attivita` tittellgħa għal-sena oħra. Kien miftiehem li din l-attivita` tittellgħa Hadd il-Għid, bejn is-1pm u l-5pm.

## 7. Materji oħra

Francis Cauchi

- Suġġeriment biex tinħareġ kwotazzjoni għal-fanali tal-Belvedere fit-Triq Hamri. Il-Kunsill qabel ma dan u qabel ukoll li peress li l-Perita Joanna Vella ma tistax tieħu ħsieb aktar it-tisbieħ ta' dan il-Belvedere jitqabbad il-perit Alex Biġeni biex jagħmel il-pjanta u l-applikazzjoni ta' dan l-*embellishment.*

Stephen Mercieca

- Suġġeriment biex isiru bankijiet fit-Triq Qigħan. Il-Kunsill ma qabilx ma din il-proposta peress li jekk isiru xi bankijiet, titneħħa l-aċċessibilita' min fuq il-bankini.

Peter Caruana

- Semgħa t-tgergir fuq nuqqas t'ikel u ilma u ħmieġ fejn hemm l-annimali f'Ta Passi. Is-Sindku għandu jiċċekkja ma min qed jieħu ħsieb ta'Passi u jekk jirriżulta li dawn veru qed ikunu mitluqin, allura dawn l-annimali jitneħħew min hemm.
- Suġġeriment biex issir *hand rail* fit-taraġ ta' fuq fit-Triq Sant Antnin. Il-Kunsill qabel ma dan.

Larry Buttiġieġ

- Staqsa xi żvilupp sar fuq il-meter tad-dawl fil-Pjazzetta 10 ta' Diċembru. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li x'ħin niżel il-kuntrattur Richard Cauchi fuq il-post irealizza li ma jistax iqabbad id-dawl għal-fontana mad-dawl eżistenti. Il-pompa u l-jettijiet tal-fontana wkoll iridu jinbidlu għaliex m'għadhomx jaħdmu. Il-kuntrattur qabel li issir trenching żgħira mal-ġemb tal-fontana li taqsam it-triq ukoll. B'hekk il-meter jeħel mal-ħajt tal-każin tal-Banda (in-naħħa tal-parking). Il-Preżenti qablu ma dan. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni ukoll li l-kuntrattur qalilha li l-fanali ma fihomx *earth* u għalhekk huma ferm ta' periklu fis-sajjetti u x-xita. Hija talbet lil-kuntrattur biex dawn isiru max-xogħol tat-trenching. Il-Kunsill qabel ma dan, u talab lis-Segretarju Eżekuttiv tiċċekja jekk hemmx xi fanali oħrajn fil-lokalita' li huma bla *earth* biex fil-każ inqabdu lill-kuntrattur Richard Cauchi biex jieħu ħsieb jagħmel dan.

Franco Ciangura

- Staqsa fuq is-servizz ta' ġbir ta' ħwejjeġ użati – is-Segretaru Eżekuttiv wieġbet li l-kumpanija li kienet tieħu ħsieb tiġbor dawn mhux se tkompli. Il-Kunsill qabbad lis-Segretarju Eżekuttiv biex iġġib informazzjoni ta' min jiġbor ħwejjeġ f'Għawdex.

- Trab f-kanal tad-drenaġġ fit-Triq il-Ġnien – is-Sindku għandu jkellem lill-kuntrattur responsabbli biex ineħħi dan it-trab u kull periklu ieħor.
- Pelican lights fit-Triq Mġarr – is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li fuq it-talba tiegħu li jsir Pelican lights quddiem Ta' Dirjanu, intbagħtet ittra lill-Transport Malta. Fil-laqgħa preċidenti, saret talba oħra ta' Pelikan lights quddiem l-ispiżjar fejn il-Kunsill iddeċieda li jgħarraf b'dan lill-Transport Malta biex janalizza x'l-aħjar li jsir għas-sigurta tan-nies.
- Jitneħħa l-fanal ħdejn tal-Bużaqq – il-preżenti qabblu ma dan.
- *Traffic management* fit-Triq Madonna ta' Loreto (ħdejn il-forn) – il-Kunsill approva li jitqabbad il-Perit Scerri biex isir Traffic Management għad-dawra kollha tal-Pjazza.
- Is-Sindku qara l-ittra li l-Kunsill kien bagħat lis-sur Guzman dwar id-deċiżjoni li l-Kunsill kien ħa fuq il-proġett tal-Pjazza li jwaqqaf it-taħdidiet kollha li kienu saru mal-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi. Dan għamlu peress li s-sur Franco Ciangura kien assenti fl-aħħar laqgħa minħabba mard. Is-sur Ciangura ssuġġerixxa li toħroġ stqarrija fuq dan fuq l-Internet u Notice Board. Is-Sindku ssuġġerixxa li flimkien mal-istqarrija għanda toħroġ ukoll fil-qosor il-korrispondenza kollha li għaddiet bejn il-Kunsill u l-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi matul dawn l-aħħar snin. Hawn ġie deċiż li min irid ikun jista jiġbor kopji tal-istqarrija u l-korrispondenza mil-Uffiċċju tal-Kunsill. Il-preżenti kollha qablu ma dan.

**Tmiem il-Laqgħa**

Wara li kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 25 ta' Marzu fis-2.00 pm, is-Sindku ddikjara l-laqgħa magħluqa fit-7.00pm.

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Abela
Segretarju Eżekuttiv